MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 16**

**It-Tnejn, 9 ta' Marzu, 2020**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fil-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| IS-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**16.1.1** Is-Sindku informa lill-membri lis-Sur Gianluca Falzon jinsab rikoverat d-dar minħabba nċident li kellu.

## 16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

## 16.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Minuti tat-12-il Laqgħa ġew approvati unanimament.
Minuti tat-13, 14 u 15 –il laqgħat b'urġenza ġew approvati unanimament

## 16.2.2 Korrezzjonijiet

**16.2.2.1** Minuti tat-12 –il laqgħa
Minuta 12.4.2 – "{ie" ssir "ġie"
Minuta 12.5.1 – "Veenra" ssir "Venera"

**16.2.2.2** Minuti tat-13 –il laqgħa jitneħħa l-isem "Darren" wara "Farrugia"

**16.2.2.3** Minuti tal-14 –il laqgħa jitneħħa l-isem "Darren" wara "Farrugia"

**16.2.2.4** Minuti tat-15 –il laqgħa jitneħħa l-isem "Darren" wara "Farrugia"

## 16.3 Punti mqajma mill-minuti

16.3.1 Minuta 12.3.1 – Wara diskusskoni dwar il-kuntratturi tal-iskart u l-knis il-membri ddeċidew sabiex issir ninfurmaw lill-Avukat tal-Kunsill u ssir laqgħa oħra.

Is-Sindku rrimarka wkoll li ġiet installata CCTV camera oħra fi Triq il-Kanun. Din waslet biex persuna nqabdet twaddab l-iskart goff fuq is-sit u weħel ċitazzjoni ta'€150.

16.3.2 Minuta 12.4.4 – Is-Sindku talab lis-Sur Silvio Vella sabiex jinforma lill-membri dwar il-monument tal-gwerra li jinsab fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Is-Sur Vella qal li sa laqgħa li jmiss ser ikollu l-informazzjoni kollha u b'hekk ikun jista jaġġorna lill-kamra.

F'dan il-mument is-Sindku rrimarka dwar l-inizjattiva ta' Ambjent Malta fejn il-Kunsill ta' Santa Venera ser jibbenifika minn €30k sabiex isir tisbieħ ambjentali billi jitħawwlu siġar madwar il-lokalita'. Is-Sindku talab lil Dott. Carabott sabiex jitkellem fuq is-siti li ġew identifikat mis-sotto kumitat tal-ambjent fejn għandu jsir dan it-tisbieħ. Dott Carabott qal li għandu tlett proposti:

(i) li jinqalgħu s-siġar li hemm fi Triq il-Kbira San Ġużepp u dawk ta' quddiem il-Kunsill u jitħawlu siġar ġodda sabiex ikun hemm uniformita u s-siġar ikunu l-istess.
(ii) isiru arbli dekorattivi u planters tul Triq il-Kbira San Ġuzepp
(iii) fi Triq Misraħ il-Barrieri (faċċata tal-Sphinx) issir *green area* man-naħa tal-parkeġġ billi l-parkeġġi preżenti joħorġu aktar 'il barra u jieħdu post il-karreġġata li hemm bhalissa u ssir *green area*. (anness Dok1)

Wara diskussjoni s-Sindku rrimarka li huwa jaqbel mat-tielet proposta iżda huwa qal li dan dejjem ser ikun jiddependi mill-ispiża kollha ta' dan il-proġett. Uħuh mill-Kunsilliera rrimarkaw dwar il-fatt li t-traffiku fiż-żona ser jiżdied peress li ta' kuljum minn din it-triq jgħaddi ammont konsiderevoli ta' traffiku. Id-diskussjoni tkompliet fejn

ġie deċiż sabiex isir pjan "B" dak fuq arbli dekorattivi u planters fi Ġnien Romeo Romano, Misraħ Santa Venera u Triq il-Ferrovija. Liema pjan għandu jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss minn Dott Carabott wara li jiltaqa mas-Sotto-Kumitat.

16.3.3 Minuta 13 - Is-Sindku informa lill-membri li s-Sa Leanne Deguara, l-Assistent Prinċipal, bdiet taħdem mal-Kunsill.

16.3.4 Minuta 14 – Ma kienx hemm punti mqajma mill-minuti

16.3.5 Minuta 15 – Ma kienx hemm punti mqajma mill-minuti

**16.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

16.4.1 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mingħand Aġenzija Sapport dwar l-inizzjattiva tal-Ink Project sabiex isir taħriġ fil-Kunsill għan-nies bi bżonnijiet speċjali. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie deċiż li l-Kunsill ma jistax jipparteċipa minħabba l-fatt li sfortunatament il-Kunsill m'għandux faċilitajiet aċċessibbli għal persuni b'diżabilta'.

**16.5 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

Ma kienx hemm komunikazzjoni mill-Kunsilliera

**16.6 Rapporti/Korrispondenza**

F'din il-laqgħa ma kienx hemm rapporti jew korrispondenza li ġew komunikati.

**16.7 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

**16.7.1 Rendikont finanzjarju Ottubru – Diċembru 2019**

Is-Sindku informa lill-membri li l-Accountant tal-Kunsill jinsab indispost u għalsdaqstant ser jispjega redikont finanzjarju b'mod telefoniku. F'dan ir-rigward ħadd mill-membri preżenti m'oġġezzjona. L-

Is-Sindku talab lill-*Accountant*, is-Sur Michael Debono, jispjega fid-dettal lill-membri preżenti l-*quarterly report* ta' bejn Ottubru u Diċembru 2019

Wara diskussjoni, is-Sindku ippropona u s-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku għall-approvazzjoni tal-*quarterly reort*. Il-membri qablu unanimament.

**16.7.2 Attivita' għat-tfal fi żmien il-Ġħid l-Kbir**

Is-Sindku informa lill-membri li s-Sur Kursten Dimech jixtieq li għal żmien l-Għid il-Kbir issir attivita' għat-tfal. F'dan ir-rigward talab lis-Sur Dimech biex jispjega lill-membri. Huwa rrimarka li f'Sibt il-Għid li jkun fil-11 t'April, issir *egg hunt* għat-tfal fi Ġnien Romeo Romano. L-ispiża ta' din l-attivita' ser tkun ta' €60. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie deċiż sabiex bħala premiju lil min jirbaħ jingħata ktieb.
Il-Membri qablu unanimament

**16.7.3 Kenn għall-qtates**

Is-Sindku talab lis-Sur Kursten Dimech sabiex jinforma lill-membri dwar din il-proposta. Is-Sur Dimech spjega lill-membri li mill-ammont li ser jibbenifkaw l-*feeders* dak ta' €10k mill-iskema li ħareġ il-gvern huwa qiegħed jipproponi sabiex €8k minnhom imorru għan-neutering (anness Dok 2) filwaqt li l-kumplament jintużaw sabiex isir kenn sabiex wara li jsir in-*neutering* dawn l-istess qtates ikunu jistgħu jitpoġġew fiha sakemm jirkupraw.

Wara diskussjoni bejn il-membri qablu unanimament li jsir dan il-kenn u għaldaqstant għandhom jinġiebu tlett kwotazzjonijiet

## 16.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġew preżentati minuti tas-sotto-Kumitat Ħarsien tal-Annimali mis-Sur Kersten Dimech u l-minuti tas-sotto Kumitat tal-Ambjent minn Dott. Carabott.

## 16.9 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati.

## 16.10 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 51 sa 110.

| | |
|---|---|
| 51 | Contracts Manager |
| 54 | Contracts Manager |
| 57 | Transport Malta |
| 59 | Contracts Manager |
| 60 | Contracts Manager |
| 62 | Irreferi għar-rapport tal-inspezzjoni li saret |
| 69 | Works Order |
| 72 | B. Grima & Sons |
| 74 | Work Order u jsiru wkoll ta' Triq Regjonali |
| 75 | Mica Med |
| 91 | Bħal ilment Nru.54 |
| 96 | Transport Malta |
| 97 | M'hemmx oġġezzjoni basta issir skont is-sena u l-arti. |
| 98 | Ħaddiema Assenjati |
| 99 | Tintbgħat ittra |
| 101 | Work Order |
| 102 | Ninfurmaw lill-Kuntratur |
| 104 | Diga hemm wahda |
| 106 | Transport Malta |

| | |
|---|---|
| 107 | Ħaddiema Assenjati |
| 109 | Contracts Manager |
| 110 | Transport Malta |

## Ilmenti li jqumu mill-laqgħat preċedenti

| | |
|---|---|
| 862 | Ma tistax issir |
| 925 | Ma tistax issir |
| 1121 | Issir lampa ġdida fi Trejqa tal-Fleur de Lys |

## 16.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid-8:55 pm u ġiet aġġornata għas-6 ta' April 2020, fis-6.30pm

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Konfermati, illum 6 t' April, 2020